



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10506/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0175 (NLE)

AELE 39
EEE 25
N 64
ISL 20
FL 20
MI 536
BUDGET 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Linja baġitarja 07 20 03 01 — Sigurtà Soċjali)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31
tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi
li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE
(Linja baġitarja 07 20 03 01 — Sigurtà Soċjali)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 48, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, il-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f’oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba’ libertajiet (“Protokoll 31”), anness mal-Ftehim ŻEE.
- (3) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f’azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta’ skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
- (4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat biex jippermetti li tali kooperazzjoni estiża tkompli mill-1 ta’ Jannar 2021.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta fil-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 10507/21 hawnhekk: <http://register.consilium.europa.eu>.